MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 1711/2002/1

**Joseph Bonanno u Maria Dolores Bonanno**

**vs**

**Raymond Dimech**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Frar, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Lulju 2002 fejn l-atturi talbu sabiex il-konvenut ihallas l-ammont ta' Lm1061 (elf u wiehed sittin lira Maltin) bhala rifuzzjoni ta' prezz ta' vettura li giet mibjugha mill-konvent u li ma kienetx tajba ghal-uzu.

Fl-avviz tat-talba intqal li:-

Illi l-atturi raw avviz fil-gazzetta li vettura Peguet 205 kienet ghal bejgh. Cemplu u fis-6 ta’ Mejju 2002 iltaqghu mal-konvenut l-Imtarfa fejn joqghod u raw il-vettura. Huwa qalilhom li jmur kuljum biha mill-Imtarfa sa Bormla fejn jahdem u qatt ma taghtu problemi. Huwa serhilhom rashom li kienet f’kundizzjoni tajba. L-ghada ftehmu fuq il-prezz ta’ elf lira u hallsuh mitt lira (Lm100) depozitu. Jumejn wara saret l-iskrittura tal-bejgh (Dok JB) u l-atturi hallsu lill-konvenut il-bilanc.

Il-Hadd 12 ta’ Mejju 2002 l-atturi telghu bil-vettura fl-ghaxra ta’ filghodu Bugibba. Fit-tlieta ta’ wara nofsinhar meta kienu ser jirritornaw il-vettura ma ridietx tistartja b’xejn. Ghalhekk kellhom idahluha f’garaxx li l-atturi ghadhom gewwa Bugibba u irritornaw lura d-dar f’Haz Zebbug billi akkwistaw lift.

L-ghada il-vettura giet irmonkata lejn il-workshop ta’ mechanic fil-qrib biex jezaminaha. Wara li lesta l-ezami tal-vettura il-mechanic cempel lill-atturi u qalilhom li l-vettura kellha hsara kbira fil-magna. Lil mechanic hallsuh Lm47.55 skond l-annessi ricevuti markati Dok JB1 sa Dok JB3. Huma hallsu wkoll l-assikurazzjoni tal-vettura (DokJB4).

Jidher car illi l-vettura kienet afflitta minn difetti latenti serji fil-mument tal-bejgh li ma jaghmluhiex tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba u illi jnaqqsu daqshekk il-valur taghha li l-atturi ma kienux jixtruha kieku kienu jafu b’dawn id-difetti latenti.

Ghaldaqstant ai termini tal-artikolu 1427 tal-Kodici Civili l-atturi qed jitolbu li prevja li jaghtu lura l-vettura de quo lill-konvenut, il-konvenut jigi kundannat jirrifondi l-prezz minnhom imhallas lill-konvenut u l-ispejjez u danni konsegwenzjali minnhom sofferti.

Ghall finijiet u effetti kollha tal-ligi l-atturi iddepozitaw il-vettura de quo taht l-awtorita’ tal-Qorti permezz ta’ cedola ta’ depozitu pprezentata kontestwalment.

Ra r-risposta fejn inghad li:-

It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghadhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur, stante:-
1. Illi l-vettura kienet giet reklamata bil-prezz ta’ elf lira Maltin (Lm1000) – din hija vettura li s’issa ghaddiet ghand tlett sidien;
2. Illi l-attur kien ivverifika l-kundizzjoni tal-vettura in vendita qabel ma sar it-trasferiment peress illi kkonsulta mal-‘mechanic’ tieghu;
3. Illi l-vettura in vendita kienet tinzamm mill-konvenut fi stat ta’ manutenzjoni tajba;
4. Illi l-partijiet kienu iffirmaw skrittura (Dok RD) fejn kien gie miftihem illi l-mobbli in vendita kien qed jigi trasferit ‘tale quale’ u cioe bil-volonta reciproka illi l-garanzija ta’ difetti mohbija kienet qed tig eskluza. Dan ai termini ta’ l-artikolu 1426 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti

Ikkonsidra:-

'Ex admissis', l-istess konvenut ammetta l-kondizzjoni tal-magna li kienet tinstab fiha. Kienet ilha ghandhu biss sitt (6) xhur. Il-magna kienet waslet. Il-perit tekniku kkonferma l-istat tal-magna. Kien ghalhekk li rahhasilha hames mitt Lira (Lm500) minn talba ta' elf u hames mitt Lira (Lm1500). Ma giex prodott il-mekkaniku li fil-prezenza tieghu, il-konvenut allegatament iddeskrievilhi l-magna. Anki kif iddeskriva l-magna l-istess perit tekniku, il-'bleeder' kien maqlugh u beda johrog 'fume' abjad ossia 'sludge'. Biex tistartja, tbati.

Illi l-konvenut ma jistax jippretendi li jbiegh karrozza f' dak l-istat. Li kieku kien hekk, ma kienux jistrieh fuq il-klawsola 'tale quale' izda a skans ta' kull ekwivoku kien jindirizza l-

magna. Kien jaf li kieku ghamel hekk, il-bejgh ma kienx isehh. Il-klawsola 'tale quale' ma hiex intiza sabiex il-venditur jistahba warajha u jbella lil kumpratur oggett di natura msewwes li biex tinduna trid tkun tas-sengha, u meta l-istess magna tmur f' jumejn. Tkun taf x' fiha magna jew meta tinqala jew meta tkun f' idejn xi hadd li jifhem u/jew jaf x' kellha fiha!

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut jilqa' t-talbiet attrici, jirrexxindi il-bejgh datat 8 ta' Mejju 2002, jordna lil konvenut sabiex jiehu lura l-vettura numru KOP-101 tal-marka Peugeot 205 Diesel, jordnalu li jaghmel it-'transfer' lura fuqhu u fin-nuqqas, jordna lid-Direttur tal-Licenzji sabiex ihassar dak it-'transfer' minn fuq l-attur, u jikkundannah ihallas lura s-somma ta' elf wiehed u sittin Lira (Lm1061) bl-ispejjez inkluzi dawk tal-atti gudizzjarji u interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv."

Minn din is-sentenza appella l-konvenut bl-aggravji li jsegwu. B' mod generali huwa jikkontendi li t-Tribunal skarta jew injora certi principji inerenti ghall-bejgh in ezami:

(a) Biex l-azzjoni tar-rexxissjoni ta' bejgh tirnexxi jrid jirrizulta b' mod manifest li x-xerrej xtara b' kawtela u bid-diligenza;

(b) Id-difett lamentat hu wiehed apparenti u vizibbli u l-attur xerrej naqas milli jottempera ruhu mad-diligenza minnu rikjesta. Isostni f' dan l-istess kuntest illi jekk l-appellat ma kienx jaf, messu qabbad *mechanic* qabel ma xtara l-vettura;

(c) It-Tribunal injora l-portata tal-frazi "*tale quale*" u li din intuzat proprju biex hu, *qua* venditur, ikun ezonerat mill-garanzija ghad-difetti;

Jirrizulta b' mod espress mill-korp ta' l-avviz illi l-azzjoni sperimentata mill-atturi appellati hi dik redibitorja jew in garanzija akkordata mil-ligi lix-xerrej bl-Artikolu 1424, Kodici Civili, bl-iskop li tipprotegih kontra l-obbligu tal-

venditur li jikkonsenjalu l-oggett vendut minghajr difett li ma jidherx;

L-imsemmija disposizzjoni giet imfissra illi "*a dar vita alla garanzia che il venditore deve al compratore pei vizi occulti della cosa venduta, occorre che tale vizi presentino una certa gravita la cui misura è determinata dalla legge in base a due criteri, l' uno obbiettivo consistente nella assoluta inettitudine della cosa all' uso cui è determinata, ovvero nella semplice diminuzione di tale uso; l' altro subbiettivo che si trae dalla presumibile intenzione del compratore il quale se avesse conosciuto il vizio al tempo della compra o non si sarebbe indotto ad acquistare la cosa, oppure acquistandola, non ne avrebbe offerto il prezzo pattuito*" (**Kollez. Vol. XXIV P I p 981; Vol. XXVII P III p 454**);

Mill-precitata silta jemergu zewg aspetti. Il-wiehed illi d-difett irid ikun per forza ezistenti fil-mument tal-bejgh (ara wkoll **Kollez. Vol. XXXVII P II p 742; Vol. XLI P II p 1198**). L-iehor hu dak li jigi mhares l-interess tax-xerrej kontra xi ingann jew kontra l-vizzju li jirrendu l-oggett mhux tajjeb ghall-uzu tieghu ossija inadatt ghall-uzu li ghalih il-haga hi destinata;

Precizat is-suespost wiehed irid izomm in vista l-fatt illi hawnhekk si tratta ta' bejgh ta' vettura 'sekonda man' u allura l-adattabilita` u l-bonta` taghha ghandha jkollha korrispondenza ma' dak ragonevolment mistenni minn oggett mixtri *second hand* u bil-prezz li jkun inxtara. Wiehed logikament jistenna li f' oggett hekk mixtri dan ikollu, anke jekk mhux necessarjament u dejjem, certi mankamenti, pjuttost facilment konstatabbli b' ezami superficcjali. Naturalment dan ma jfisserx illi oggett 'sekonda man' ma jistax ikollu wkoll difetti mohbija jew li jaghmel l-azzjoni *de qua* mhux applikabbli ghalih, jekk ma jkunx jirrizulta illi l-venditur zvesta ruhu mill-obbligu tal-garanzija tal-haga mibjugha, sostrat dan krejat mill-presunzjoni stabbilita` fl-Artikolu 1378, Kodici Civili;

Dan premess, fis-sentenza riportata a **Vol. XXXV P I p 307**, trattasi wkoll minn bejgh ta' vettura, il-Qorti hemm irriteniet li, f' materja ta' din ix-xorta, il-punti li jridu jigu ezaminati huma dawk elenkati *infra*:-

1. *Did the defect in question – if there be any defect – exist at the time of the sale;*
2. *Was it apparent or latent;*
3. *If latent, when was it possible for plaintiff to discover it*?

Adoperati dawn l-istess kweziti ghal kaz in diskussjoni, ma jidherx li huwa kkontestat, illi l-vettura mixtrija mill-atturi kienet affetta minn difett. Il-vera kontestazzjoni tikkoncerna f' dan il-kaz ix-xorta ta' difett, u cjoe, jekk dan kienx apparenti jew mohbi. Materja din li certament tiddependi mill-apprezzament tal-fatti;

Jinghad a propozitu fis-sentenza a **Vol. XXXIV P II p 612** illi "il-vizzju huwa redibitorju meta, fil-waqt tal-kontrattazzjoni jew tar-ricezzjoni tal-haga akkwistata, il-haga ma tipprezentax tracci li jirrilevaw l-ezistenza ta' difetti li xerrej medjokrement attent u diligenti ma jkunx jista' jaghrafhom u jivvalutahom wahdu. Id-difett jista' jkun mohbi wkoll jekk ma jkunx jista' jimmanifesta ruhu hlief bl-uzu tal-haga";

Invece jekk id-difett ikun jidher jew ix-xerrej seta' jsir jaf bih wahdu l-venditur mhux tenut iwiegeb ghalih (Artikolu 1425, Kodici Civili). Li jfisser li "*il venditore non è tenuto pei vizi che possono essere rilevati per mezzo della semplice visione della merce, o per altre circostanze estrinsiche, allorche` queste sono tali da dovere eccitare particolarmente l' attenzione del compratore*" (**Kollez. Vol. XV p 316**);

Ragonevolment, kif jinsab ukoll deciz, “in-natura apparenti jew okkulta tal-vizzju ghandha tigi konsidrata in rapport tal-kapacita` u konjizzjoni komuni tal-bniedem, u mhux bizzejjed biex vizzju jigi ritenut apparenti c-cirkostanza li s-sussistenza tal-vizzju tista’ tigi rilevata minn bniedem ta’ l-arti jew perit” (**Kollez. Vol. XXXVIII PI p 279**);

Premessi dawn l-enuncjazzjonijiet guridici, jidher li t-tezi tal-konvenut appellant hi arginata fuq il-pretensjoni illi l-attur xerrej seta’ kien jaf bid-difett in kwestjoni, u allura, skond hu, f’ dan il-kaz, jonqos ir-rekwizit tal-habi ta’ l-istess difett. Din il-Qorti ezaminat akkuratament il-provi kollha attendibbli, kompriz ir-relazzjoni peritali ta’ l-espert nominat, u ssib li ma tistax taqbel ma’ l-argoment avvanzat mill-appellanti. Anzi, inversament issib li l-attur ma kienx jaf bid-difett. Fir-rigward qed isiru dawn l-osservazzjonijiet:-

(1) L-attur Joseph Bonanno jistqarr in kontro-ezami illi meta ra l-vettura l-ewwel darba huwa ma ralha “la duhhan u lanqas hsejjes”. Lanqas meta l-konvenut appellanti gabilu l-*garage* tieghu u startjaha (fol. 25). Din ix-xhieda ma giet bl-ebda mod disdetta mill-appellanti;

(2) Il-konvenut appellanti ghall-ewwel jistqarr illi fil-mument ta’ ispezzjoni u tal-kontrattazzjoni l-attur gab *mechanic* mieghu li quddiemu qallu li l-makna tal-vettura kienet waslet biex tinbidel (fol. 35). In kontro-ezami pero`, illi ghalkemm kien issuggerixxa lill-attur biex igib *mechanic*, “l-attur ma gabx *mechanic*” (fol. 37). Il-verita` hi dak ukoll mistqarr mill-appellant illi hu kien konsapevoli tal-fatt li l-makna kienet waslet izda dan il-fatt zammu ghalih u ma jidherx li b’ dan gharraf lill-attur xerrej. Difficilment tista’ din il-Qorti temmen tassew illi xerrej kien ser jixtri karozza kieku, kif ipprova jaghti wiehed x’ jifhem l-appellanti, l-attur kien xjenti tal-fatt illi l-makna tal-vettura kienet waslet;

(3) L-accertament tekniku mill-espert nominat stabbilixxa b’ mod definittiv li, apparti l-bosta difetti skoperti, kien hemm affarijiet fil-makna li mhux suppost

kienu hemmhekk. Fl-ispjega li jaghti in eskussjoni, dana "fis-sens illi min ma jkunx jifhem, ma jindunax bihom; per ezempju, l-*bleeder pipe*, suppost kien fl-*air cleaner* u ma kienx. Jekk jiddahhal fl-*air cleaner* jikkreja zejt u jidhol ghal makna u ddahhan izjed" (fol. 42 u fol. 48). Ghal din il-Qorti, apparti s-sapur tal-habi intenzjonat, anke jekk dan kienx hekk il-kaz, id-difett stabbilit mill-perizja, ma kienx facilment rikonoxxibbli fil-mument tal-konkluzjoni tal-kuntratt, meta ma kien hemm l-ebda manifestazzjoni esterna li tindikalu anormalita` jew imperfezzjoni fil-makna;

(4) In tema legali, l-Artikolu 1425, Kodici Civili, ma jippostulax fil-fehma tal-Qorti illi x-xerrej irid ikollu xi kompetenza teknika partikolari, u lanqas li hu ghandu jirrikorri, f' kull kaz ta' kompravendita, ghall-accertament minn esperti. Il-frazi "<u>li seta' jsir jaf bihom wahdu</u>" ghandha titqies cirkoskritta ghal dik id-diligenza okkorrenti biex jigi rilevat lilu difett ta' percezzjoni facli. Il-fattispeci ta' dan il-kaz, kif rizultanti mill-perizja, jiddemostraw illi d-difett ma kien xejn apparenti jew facilment riskontrabbli anke bi sforz ta' diligenza normali;

Fermi dawn l-osservazzjonijiet din il-Qorti ma ssibx kif tista' anke b' sens ta' ekwita`, takkolji l-ewwel zewg aggravji tal-konvenut appellanti;

Dwar l-ahhar aggravju hi l-fehma tal-Qorti illi f' dan il-kaz, maghrufa l-fatti u apprezzati l-provi kollha, kompriz ir-rizultanzi peritali, il-fatt li fil-ftehim ta' bejgh giet inserita l-frazi "*tale quale*" (ara Dok. "JB" a fol. 3) dan ma jeskludix lill-venditur mill-obbligu tal-garanzija u din il-frazi m' ghandhiex tircievi l-interpretazzjoni pretiza mill-appellanti illi b' hekk kien qed jinftiehem b' mod espress ghall-eskluzjoni ta' l-istess garanzija, kif hekk jippreskrivi l-Artikolu 1426, Kodici Civili;

Huwa in effetti gurisprudenzjalment ricevut, anke jekk il-principju ma huwiex assolut (ara **Kollez. Vol. XX P I p 273**, f' kaz ta' bejgh bl-irkant), illi "*la clausola 'tale e quale'*

*non ha per effetto di esonerare il venditore dalla responsabilita` per vizi occulti*" (**Kollez. Vol. XV p 316; Vol. XXII P I p 309**). Kif gja inghad din il-frazi ma tirrapprezentax dik id-dikjarazzjoni esplicita rikjesta mill-Artikolu 1426;

F' dan il-kaz l-imsemmija frazi ma tistax tinghata l-forza li tehles lill-konvenut venditur mill-garanzija billi mir-rizultanzi processwali, senjatament mil-mod kif instab id-difett l-indikazzjoni hi dik tal-habi tieghu u li, anzi, il-konvenut innifsu kien jaf bl-ezistenza tieghu u ma riedx, jew naqas, li jizvelah;

Tali konsiderazzjoni ukoll ma tiggustifikax l-aggravju hekk imqanqal u l-linja difensjonali tal-konvenut fuq din il-bazi.

Ghal motivi kollha fuq espressi, l-appell interpost qed jigi respint u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza jibqghu sopportati mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------